MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data: 23 t' April 2020** **Ref: DDLTS 13/2020**

**Għal: Kapijiet tal-Iskejjel Primarji (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn: Is-Sur Keith Aquilina – Uffiċjal Edukattiv għal-Litterizmu Diġitali**

**Suġġett: Toolkit għat-Taghlim Onlajn għall-Iskejjel Primarji**

---

It-tim primarju tal-litteriżmu diġitali fi ħdan id-DDLTS żviluppa **Toolkit għat-Tagħlim Onlajn għall-Iskejjel Primarji.** L-għan ta' dan it-toolkit onlajn huwa li jagħti ideat u linji gwida għall-edukatari fl-iskejjel primarji. It-toolkit jinkludi ħarsa ġenerali lejn prattiki tajbin u ideat kreattivi li l-edukaturi Maltin qegħdin jużaw f'dan il-perjodu permezz tal-użu tat-teknoloġija. Ikklikkja fuq din il-link https://bit.ly/maltatoolkit biex issib it-tagħrif meħtieġ dwar dan it-toolkit.

Barra minnhekk, jekk l-app edukattiva huwa ġdid għalik, tista' żżur il-paġna tat-tutorials li qiegħda tiġi żviluppata l-ħin kollu mit-tim tagħna tal-litteriżmu diġitali tal-primarja. Din il-paġna tagħti ħarsa lejn diversi **għodod li diġà huma disponibbli** għall-edukaturi Maltin. Jekk tikklikkja wkoll fuq din il-link #TeachingIdeas imħejjija wkoll mit-tim primarja tal-litteriżmu diġitali għall-edukaturi, l-edukaturi jistgħu jsibu **ideat ta' kuljum** dwar attivitajiet li jistgħu jintużaw minnhom mal-istudenti tagħhom.
L-edukaturi jistgħu wkoll jirreġistraw għas-sessjonijiet tal-Webinar li qegħdin jiġu organizzati għall-edukaturi Maltin fl-iskejjel primarja. Hawnhekk aħna nfittxu li ngħinu lill-edukaturi lokali biex jieħdu l-potenzjal tat-teknoloġija għat-tagħlim mill-bogħod u onlajn. L-SLT u l-edukaturi fl-iskola tiegħek li jeħtieġu l-**appoġġ tagħna** jistgħu jikkuntattjaw l-HoD jew l-għalliema li s-soltu jiġu jagħtu l-appoġġ fl-iskejjel rispettivi tagħkom jew irressqu t-talba tagħhom billi jimlew din l-online form.

**Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**



Ċentru għal-Litteriżmu Diġitali (MEDE) | t: 2598 1563/4/5 | e: digital-literacy@ilearn.edu.mt | w: www.education.gov.mt